# KUNSILL LOKALI MTARFA

**IS-SITT LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**LAQGĦA NUMRU 58 – IT-TNEJN 21 TA' NOVEMBRU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 57**

1.1 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 57 u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI 57**

2.1 Is-SE infurmat li kienet iltaqgħat mar-rappreżentant ta' AnyView fir-rigward tas-CCTV cameras. Instab lok fejn tista' titwaħħal kull *camera* u kienet kitbet lill-amministraturi ta' Binja Ġebel Dwejra, lil Villino Maria, lil Dar Kenn għal Saħħtek u lil Depiro biex possibbilment titqabbad is-sistema tad-dawl magħhom biex jiġi frankat li jinġab *meter* apposta. S'issa kellha risposta waħda favorevoli mingħand Dar Kenn għal Saħħtek. Għadha qed tistenna risposta mingħand it-tliet entitajiet l-oħra.

2.2 Fir-rigward tal-attività tal-Malta Classic, is-SE infurmat li hija kienet bagħtet numru ta' tfakkiriet rigward l-i*sponsorship* iżda sal-ġurnata ma kien hemm ebda risposta lura.

2.3 Is-SE infurmat li kienet saret it-talba lil TM dwar il-*crash barrier* però l-applikazzjoni kienet intbagħtet lura lill-Kunsill. Kienet se tivverifika eżatt mal-amministrazzjoni dwar din it-talba.

2.4 Is-SE infurmat li l-ittri lir-residenti ta' Triq l-Orkidea u Triq Santa Luċija kienu ntbagħatu. Kienu ntbagħtu wkoll numru ta' ittri oħra simili f'partijiet varji tal-lokalità.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li l-festin tal-anzjani għall-Milied se jinzamm l-Erbgħa s-27 ta' Diċembru. Bħala *entertainer*, se jinġab Tony Camilleri l-Għannej għall-prezz ta' €120.

3.2 Is-Sindku informa li l-fuljett tal-Milied kien ingħata xerha ftit differenti wara li huwa ddeċieda li ma jagħmilx il-messaġġ tiegħu bħas-soltu u jkun fih biss l-attivitajiet tal-lokalità kollha. Barra minn hekk, kienet saret ukoll kartolina b'kalendarju fuq wara biex titqassam mar-residenti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

3.3 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-ikla tal-Kunsill għall-istaff u l-Kunsilliera ssir nhar is-Sibt 7 ta' Jannar 2017.

3.4 Is-Sindku informa li min-naħa tal-Wasteserv talbu li jpoġġu *trolley* għall-affarijiet WEEE għar-riċiklaġġ. Dan se jitpoġġa fl-uffiċċju tal-Kunsill.

3.5 Is-Sindku informa li l-ħarġa tar-Redentur kienet marret tajjeb.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li fuq il-lista tal-pagamenti kien hemm pagament għall-kuntrattur tal-kustodju tal-bosk fejn infurmat li dan ma kienx qed isegwi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Fosthom semmiet li bil-lejl, il-grada ma kinitx qed tingħalaq b'mod regolari, l-iskart ma kienx qed jinġabar u numru ta' siġar ġodda kienu mietu minħabba nuqqas ta' tisqija matul is-sajf li għadda. Hija infurmat ukoll li dan kien qed jonqos milli jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill kull meta jkun hemm xi tkissir jew vandalizmu skont kif jitolbu l-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Hija infurmat li kienet ġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur b'mod verbali fejn dan kien infurmaha li ma kienx lest li jkompli bil-kuntratt. Min-naħa tagħha hija qalet li ma rċeviet ebda konferma bil-miktub pero' jidher biċ-ċar li l-kuntratt mhux qed jiġi segwit.

4.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li m'għandhomx isiru aktar pagamenti lil dan il-kuntrattur fir-rigward ta' dan il-kuntratt.

4.3 Il-listi tal-pagamenti, kopja tagħhom mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE ħlief għall-pagament tal-kuntrattur tal-bosk.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-*FINANCIAL INDICATORS* (LULJU-SETTEMBRU)

5.1 Hawnhekk is-SE infurmat li l-*accountant* kienet skużat ruħha li ma setgħetx tattendi minħabba li kienet ġiet rikoverata l-isptar.

5.2 Sadanittant resqet kopja tal-*financial indicators* li juru li l-Kunsill għandu indikatur ta' 10.99% għalkemm kienu ġew imwarrba l-ammont ta' €60,000 sabiex jiġu wżati għall-proġett tar-restawr tal-arloġġ kemm-il darba l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.3 Is-SE infurmat li kienet qegħda f'kommunikazzjoni mad-Direttur sabiex jindikalha kif il-Kunsill seta' jagħmel użu minn skema ġdida li ħarġet fil-baġit fejn in-negozji jistgħu jagħtu donazzjoni għal proġett lil xi kunsill lokali u dawn se jingħataw deduzzjoni mid-dħul tagħhom. Hija kienet qed tispera li b'din il-miżura l-Kunsill seta' jdaħħal xi fondi biex jintużaw għal dan l-iskop bil-għan li ma jkollux għalfejn jagħmel ebda dejn mal-bank li jista' jikkommetti kemm lilu kif ukoll Kunsilli sussegwenti.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI PUBBLIKA TAD-DAWL TAL-MILIED (MTFLC/Q/06/2016)

6.1 Is-SE preżentat kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni lill-Kunsill fejn dan kien jindika li kien hemm biss kuntrattur wieħed li tefa' l-offerta.

6.2 Kien hemm qbil li dan il-kuntrattur għandu jingħata l-offerta tat-tpoġġija tal-mejnijiet u t-tiżjin tad-dekorazzjonijiet għall-ammont ta' €1700 (bla VAT) kif indikat.

6.3 Fuq rakkomandazzjoni tas-SE, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jonfoq sa €1100 fuq manutenzjoni ta' uħud mid-dekorazzjonijiet li għandu minħabba li matul is-sena li għaddiet ġratilhom il-ħsara.

## 7. KUNTRATT TAL-KUSTODJU TAL-BOSK

7.1 Dan is-suġġett kien diġà ġie diskuss.

7.2 Min-naħa l-oħra kien hemm qbil li possibbilment jinstab persuna mil-lokal għal zmien temporanju sabiex jiftaħ u jagħlaq il-bosk. Sadanittant, is-SE għandha tibda taħdem fuq il-ħruġ ta' kwotazzjoni pubblika oħra għal dan ix-xogħol.

7.3 Is-SE intalbet tibgħat ittra bl-avukat lil dan il-kuntrattur fejn għandha tinfurmah bit-terminu immedjat tal-kuntratt. Kemm-il darba huwa jikkontesta, il-Kunsill kien lest li jfittxu għad-danni li sofra bil-mewt tas-siġar li kellu jieħu ħsieb.

## 8. ESTENSJONI TAL-KUNTRATT TAL-LATRINI

8.1 Is-SE infurmat li l-kuntratt tat-tindif tal-latrini kien jagħlaq fil-31 ta' Diċembru. Minħabba l-fatt li min-naħa tal-Gvern Ċentrali kien għad m'hemm ebda kommunikazzjoni dwar meta dan ix-xogħol se jaqa' fir-responsabbiltà tagħhhom, hija kienet irċeviet rakkomandazzjoni mid-DLG biex il-Kunsill jestendi għal sitt xhur oħra.

8.2 Il-Kunsill qabel li l-kuntratt jiġi estiż sal-aħħar ta' Ġunju 2017 b'mod unanimu.

## 9. XOGHLIJIET FL-IMTARFA

9.1 Is-SE preżentat stima ta' xogħlijiet varji għall-approvazzjoni.

9.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandu jsir il-ħajt ta' ħdejn it-Torri tal-Arloġġ min-naħa tal-kuntrattur Mario Sant għall-ammont ta' €708. B'dan l-ammont il-kuntrattur kien se jieħu l-inkarigu li jaqla' l-għeruq u z-zokk minn postu biex il-problema ma terġax tirrepeti ruħha.

9.3 Il-Kunsill qabel li għandu jsir xogħol fuq il-bankina li allegatament tkissret riċentament minn trakk tal-Carlsberg fi Triq l-Imtarfa. Din kienet se tiswa madwar €1675 u x-xogħol kien se jsir mill-kuntrattur tal-kunsill, Elles Urban Works.

9.4 Il-Kunsill qabel li għandu jistenna sakemm ikollu l-kwotazzjonijiet kollha fir-rigward tax-xogħlijiet fuq il-bankini l-oħra, bħal ta' Wesgħat Ħaznet l-Ilma, Triq ir-Reġimenti Maltin, Triq l-Imtarfa u Triq Gregorio Carafa.

9.5 Is-SE infurmat li kienet saret il-laqgħa bejn il-Perit u rapprezentant ta' Attard Bros. fir-rigward tal-problema tal-entratura tal-bosk, fejn dan tal-aħħar kien aċċetta li jagħmel xogħlijiet biex tittaffa l-problema tal-ilma. Is-SE infurmat ukoll li ġibditlu l-attenzjoni dwar il-plakka tal-istainless steel li tidher li qed tissaddad f'inqas minn sena li ilha mwaħħla.

9.5 Is-SE talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinbidel is-sistema tal-pixxaturi fil-latrini tal-irġiel minħabba li qed jinħela ħafna ilma. Din is-sistema kienet tiswa €370 u kienet taħdem bis-*sensor*. Il-Kunsill qabel.

## 10. ŻIEDA FL-ALLOKAZZJONI MILL-GVERN ĊENTRALI (ĊIRKULARI 39/2016)

10.1 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal konferenza stampa fejn is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali kien ħabbar li kienu ġew allokati €4,000,000 żejda għall-Kunsilli Lokali prinċiparjament sabiex jieħdu ħsieb aktar it-tindif tal-lokalitajiet. Hija infurmat li fir-rigward tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa kien ingħata żieda ta' 2% li kienu jammontaw għal €3966.

10.2 Infurmat ukoll li d-DLG kienu infurmaw lill-Kunsill li kienu għaddew is-somma ta' €370 lill-Kunsill li dehru li kienu dovuti lilna mill-fond tal-aġġustamenti.

## 11. ĊIRKULARITAJIET VARJI (ATTENDENZA, KODIĊI TAL-ETIKA, ORDNIJIET PERMANENTI, FONDI PUBBLIĊI MINFUQA GĦAL FINANZJAMENT TA' GĦAQDIET)

11.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni għaċ-ċirkularitajiet li ntbagħtu mid-DLG u tat spjega fuq fuq ta' kull wieħed minnhom.

11.2 Il-Kunsill talab kjarifika fuq il-kwistjoni tal-attendenza wara li s-SE infurmat li skont il-*legal notice*, l-*allowance* tal-Kunsilliera kienet marbuta mal-attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill. Is-SE infurmat li għalkemm l-ANSEK kienet talbet lid-Direttur sabiex jibgħat ċirkulari jew direttiva biex is-SE ikunu jistgħu jimxu magħha sal-ġurnata din għadha ma waslitx. Hija infurmat li kienet fl-obbligu li timxi mal-*legal notice*.

## 12. PUNTI OHRA

12.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba biex il-parti l-ġdida ta' Triq Santa Luċija tingħata isem ieħor minħabba li kien hemm żewġ persuni li kellhom l-istess numru f'parti differenti tat-triq. Il-Kunsill irrakkomanda li din it-triq tissemma' Triq Belt il-Ġmiel.

12.2 Is-SE infurmat li min-naħa tad-DLG kienu infurmawha li fl-aħħar ta' Diċembru kien se jiskadi l-kuntratt ta' Alexander Caruana, impjegat fuq l-iskema CIES. Hija infurmat li kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta li dan jiġi estiż il-kuntratt tiegħu, huwa jiġi impjegat tal-kunsill awtomatikament hekk kif jiskadu l-erba' snin u kemm-il darba l-iskema tieqaf, il-Kunsill ikollu jkompli jħallas il-paga tiegħu mill-fondi tal-Kunsill. Fuq rakkomandazzjoni tas-SE, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan il-kuntratt għandu jiġi estiż.

12.3 Is-SE infurmat li hemm il-ħtieġa li jinxtraw żewġ siġġijiet għall-iskrivani tal-Kunsill minħabba li l-qodma kienu ilhom li tkissru. Kien hemm qbil li dawn għandhom jinxtraw u possibbilment ma jaqbżux il-€200 għat-tnejn li huma.

12.4 Is-SE infurmat li minħabba nuqqas ta' spazju kienet qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex isir *cupboard* ġdid fl-uffiċċju tal-Kunsill biex jintuża bħala *storage*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Sadanittant infurmat li kienet bdiet terġa' taħdem fuq il-ħruġ tal-kwotazzjoni pubblika sabiex titkabbar il-kamra tal-banju li hemm fir-*reception* area biex hekk kif dan ix-xogħol jitlesta l-kamra tkun tista' ssirilha *reception area* denja għal uffiċċju ta' Kunsill Lokali. Hija fakkret li dan ix-xogħol kien diġà approvat u l-Kunsill kien approva anke ammont fil-baġit għas-sena 2016.

12.5 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand l-*electrician* tal-Kunsill li dan ma setax ikompli jagħti servizz lill-Kunsill. Hija kienet qabbdet *electrician* ġdid li kien ġie rrakkomandat min-numru ta' Kunsilli oħra sakemm jiġi mogħti l-kuntratt lil xi ħadd min-naħa tar-Reġjun Tramuntana fi ftit ġimgħat oħra.

12.6 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib kwotazzjoni għal traqqigħ fi Triq San David quddiem tal-lottu u traqqigħ ħdejn il-ħanut taz-zebgħa. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni għall-periklu li hemm fit-tundjatura ta' Triq San David wara li nnutat li kien ċeda l-ħajt u t-triq qed tisfronda. Kien hemm qbil li għandha ġġib kwotazzjoni għal dan ix-xogħol ukoll.

## 13. AĠĠORNAMENT

13.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9:20pm. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2016 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |